It-Tielet Sena Primarja **Ċ3.1** **IL-ĦBIEB TAGĦNA** **Worksheet**

**Ċ3.1.5**
l-annimali wkoll jistgħu jissejħu l-ħbieb tagħna l-bnedmin

(*ħajr lil Ms Pauline Tonna – Kulleġġ San Benedittu*)

**A. <u>Aqra.</u>**



Ħafna nies għandhom annimali fid-dar jgħixu magħhom.
Dawn l-annimali nsejħulhom "annimali domestiċi", jiġifieri jgħixu man-nies. Ħafna nies iżommu klieb, qtates, ħut jew għasafar id-dar.

Punt importanti hu li, meta niddeċiedu li nġibu annimal id-dar, inkunu ċerti li nafu sew x'qed nagħmlu. Spiss tisma' b'każi fejn annimali jiġu mitluqa fit-triq għaliex min kien iżommhom, iddejjaq minnhom! Din hija ħasra kbira għaliex l-annimali huma ħolqien t'Alla. X'għandu bżonn l-annimal li qed jgħix magħna?



Kull annimal għandu bżonn ta' ħafna imħabba bħalna l-bnedmin.
Hu lest ikun fidil lejn sidu u jħobbu ħafna! Dan aħna l-bnedmin mhux dejjem nagħmluh mal-oħrajn!

Min iħobb verament l-annimal li jgħix miegħu, jara li jkollu ikel u xorb biżżejjed; kif ukoll li jżommu nadif u jkollu post xieraq fejn jorqod. Min iħobb l-annimal tiegħu jieħu ħsiebu anke meta dan ikun xiħ u marid. Għalkemm l-annimali ma jitkellmux, dawn xorta jbatu meta nittrattawhom ħażin. Għalhekk hija responsabbiltà li jkollna annimal fid-dar.

Jaqbel li, qabel inġibu jew nixtru xi kelb jew qattus, naħsbu sew jekk aħniex lesti li nieħdu ħsiebhom! Darba smajt proverbju li jgħid hekk: "Jekk trid tkun taf soċjetà kemm hi ċivilizzata, ħares lejn il-mod kif tittratta l-annimali tagħha!"



## B: Nitgħallmu bil-kant:

Isma' dawn it-taqbiliet, tgħallimhom u iddiskutihom fil-klassi ma' sħabek. Il-links li ssib huma għall-YouTube.

1. **L-ANNIMALI** – http://youtu.be/bKlVbHvCplM
2. **L-AMORIN** – http://youtu.be/51x428l_5B0
3. **GĦANDI ĦUTA** – http://youtu.be/aGLERMP48oo

## Ċ. Agħżel it-tajba.

1. (Il-gorilla, Il-kelb, Il-qattus) huwa annimal domestiku.
2. Meta nrabbu annimal fid-dar, irridu (nieħdu ħsiebu, nitilquh waħdu).



**D:** **<u>Wieġeb fil-qosor</u>**

1. X'għandu bżonn kull annimal?

______________________________________________________________

2. Meta għandna nitimgħu l-'pet' tagħna?

______________________________________________________________

3. X'għandna nagħmlu jekk il-'pet' tagħna jimrad?

______________________________________________________________

4. X'għandna nagħmlu meta l-'pet' tagħna jkun xiħ?

______________________________________________________________

5. Xi nsejħulu t-tabib ta' l-annimali?

______________________________________

6. Taħseb li kull annimal jixraqlu jkun maħbub? ______________________________

7. Għaliex taħseb hekk?

______________________________________________________________

**E: Imla l-vojt bl-ismijiet ta' dawn l-annimali domestiċi.**

Agħżel minn dawn: *kanarin, fekruna, qattus, kelb, ħut*





1. ____________________

2. ____________________





3. ____________________

4. ______________________



5. _____________________

F. **<u>Pinġi l-annimal tiegħek.</u>** **(Ms. Claire Amato)**

**<u>Ikteb ħames sentenzi interessanti dwaru.</u>**



X'annimal hu?

X'jismu?

Fejn jgħix?

X'jiekol u x'jixrob?

X'tagħmel biex turih li tħobbu?